

Brussell, 14 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15465/25

PECHE 404

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 7655 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI għal trasparenza msaħħa u governanza tajba fl-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri: <i>vade mecum</i> dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 7655 final.

---

Mehmuż: C(2025) 7655 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.11.2025  
C(2025) 7655 final

### **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**għal trasparenza msaħħa u governanza tajba fl-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd  
mill-Istati Membri: *vade mecum* dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 16 u 17 tar-  
Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd**

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

### għal trasparenza msaħħa u governanza tajba fl-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri: *vade mecum* dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

#### 1. INTRODUZZJONI

L-opportunitajiet tas-sajd jipprovdu dritt legali kwantifikat għas-sajd<sup>(1)</sup> u huma essenzjali biex tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsa naturali komuni li tista' titnaqqas jekk tiġi sfruttata żżejjed. Meta l-Istati Membri jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom, iridu jagħmlu dan f'konformità mar-responsabbiltà tagħhom li jiġġestixxu u jippreservaw riżorsa naturali kondiviża komuni dejjem f'moħħom. Fl-istess ħin, ir-riżorsi tas-sajd għandhom jiġu ġestiti b'mod li jkunu konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi. Barra minn hekk, kif enfasizzat fil-Patt Ewropew għall-Oċeani<sup>(2)</sup>, oċean b'saħtu u prattiki riġenerattivi se jikkontribwixxu biex jiġi sostnut l-għajxien, b'mod partikolari fil-komunitajiet kostali, u tiġi pprovduta s-sigurtà tal-ikel, inkluż għall-ġenerazzjonijiet futuri.

L-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd nazzjonali b'mod oġġettiv u trasparenti tiżgura t-trattament ugwali tas-sajjeda, tibni fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati, u tippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar li fuqhom jiddependu r-riżorsi tas-sajd u fl-aħħar mill-aħħar is-sajd, għall-prosperità. L-allokkazzjoni trasparenti tista' tikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni ta' kunflitti bejn l-operaturi, il-flotot jew is-segmenti. L-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd tista' tintuża wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi emerġenti u biex jinħolqu inċentivi għall-bastimenti tas-sajd biex jużaw irkapti tas-sajd selettivi, u b'hekk iħeġġu u jippremjaw imġiba u soluzzjonijiet aktar sostenibbli.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar il-funzjonament tar-Regolament PKS<sup>(3)</sup> enfasizzat, fil-kuntest tat-titjib tal-governanza tal-PKS, li l-governanza tajba tiddependi wkoll fuq aktar trasparenza. Din enfasizzat ir-rekwiżit tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd ("ir-Regolament PKS")<sup>(4)</sup> għall-Istati

---

<sup>(1)</sup> Skont id-definizzjoni fl-Artikolu 4(32) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, ir-Regolament ta' Kontroll: "*opportunità ta' sajd*" *tfisser dritt legali kwantifikat għas-sajd, espress f'termini ta' qabdiet u/jew sforz tas-sajd*. Dritt legali għas-sajd jista' jinkludi wkoll limitazzjonijiet tekniċi u ġeografiċi dwar kif, meta u fejn jistgħu jsiru l-operazzjonijiet tas-sajd.

<sup>(2)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ewropew għall-Oċeani. COM(2025) 281 final. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025DC0281>. Taqsima 4 Il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u tal-gżejjer.

<sup>(3)</sup> "Il-politika komuni tas-sajd illum u għada: Patt dwar is-Sajd u l-Oċeani lejn ġestjoni tas-sajd sostenibbli, ibbażata fuq ix-xjenza, innovattiva u inklużiva" COM/2023/103 final (bħala parti mill-Pakkett usa' dwar is-Sajd u l-Oċeani). <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52023DC0103>

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE. [G.U.L. 354, 28.12.2013, p. 22–61](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013R1380).

Membri, meta jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd, biex jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika. Il-Komunikazzjoni tal-2023 ikkonfermat ukoll l-impenn tal-Kummissjoni li taħdem flimkien mal-korpi xjentifiċi u mal-Istati Membri biex tkompli tivvaluta u tiżgura t-trasparenza ta' dawk il-kriterji u l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-PKS. L-intenzjoni kienet li jiġi mħeġġeġ l-użu ta' kriterji li jistgħu jrawmu Prattiki tas-sajd sostenibbli u li jappoġġaw lis-sajjieda fuq skala żgħira u kostali, li jirrappreżentaw kważi 75 % tal-bastimenti tas-sajd kollha rreġistrati fl-UE u kważi nofs l-impjiegi kollha fis-settur tas-sajd.

B'segwitu għal dak l-impenn, b'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jaġixxu biex itejbu l-governanza tajba fir-rigward tal-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, permezz ta' erba' direzzjonijiet: 1) it-tisħiħ tat-trasparenza u tal-informazzjoni; 2) il-ġustizzja; 3) l-iżgurar tal-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta; u 4) l-adeqwatezza tal-metodi ta' allokkazzjoni.

Barra minn hekk, din il-Komunikazzjoni tistieden lill-Istati Membri jirriflettu dwar is-sistemi u l-metodi li attwalment qed jużaw meta jallokaw dawk l-opportunitajiet tas-sajd biex irawmu Prattiki tas-sajd sostenibbli u jappoġġaw lis-sajjieda fuq skala żgħira u kostali.

L-Anness ta' din il-Komunikazzjoni (imsejħa *vade mecum* dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri) jistabbilixxi s-sejbiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament PKS, filwaqt li jqis l-involvement u l-feedback li waslu mingħand l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati<sup>(5)</sup>. L-Anness jipprovdi wkoll gwida dwar l-implimentazzjoni ta' dawk l-Artikoli meta l-Istati Membri jallokaw opportunitajiet tas-sajd lil bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

## **2. INFORMAZZJONI AKTAR ĊARA DWAR IL-METODI TA' ALLOKAZZJONI: IT-TISĦIĦ TAT-TRASPARENZA**

L-Artikolu 16(6) tar-Regolament PKS jirrikjedi li l-Istati Membri jinformat lill-Kummissjoni dwar il-metodi li qed jużaw biex jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom lil bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Dan l-obbligu ta' rapportar huwa importanti għal raġunijiet ta' trasparenza<sup>(6)</sup> u meħtieġ għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri biex jimmonitorjaw ix-xejriet u l-prestazzjoni.

Madankollu, il-prattika wriet li l-Istati Membri infurmaw lill-Kummissjoni b'diversi modi, bi frekwenzi differenti u pprovdew dettalji differenti. Dan jagħmilha diffiċli li jkun hemm stampa ċara ta' x'qed jiġri bl-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet, flotot u reġjuni. Għalhekk, l-Anness ta' din il-Komunikazzjoni jistieden lill-Istati Membri jinkludu ċerta informazzjoni minima meta jirrapportaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(6).

Barra minn hekk, trasparenza akbar vis-à-vis il-partijiet ikkonċernati hija kruċjali għal governanza tajba. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni lill-partijiet ikkonċernati dwar il-metodi li jużaw biex jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd, il-

---

<sup>(5)</sup> Aktar informazzjoni dwar il-feedback tista' tinstab fid-dokumenti msemmija fl-Anness, b'mod partikolari fir-rapporti 20-14, 22-14 u 23-17 tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF, Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries)

<sup>(6)</sup> Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-2023, Il-politika komuni tas-sajd illum u għada (COM (2023) 103 final): "Governanza tajba tiddependi wkoll fuq aktar trasparenza". <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023DC0103>

kriterji użati kif stabbilit fl-Artikolu 17 tal-PKS, il-piż mogħti lil kull kriterju u r-raġuni għal dak il-piż.

L-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li l-metodi u l-kriterji użati jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament PKS (prinċipalment l-Artikolu 17). Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jivverifikaw jekk din il-konformità hijiex riflessa kif xieraq fl-informazzjoni rrapportata: (i) L-informazzjoni pprovduta turi t-trasparenza u l-oġġettività tal-kriterji? (ii) Il-ponderazzjoni tal-kriterji ambjentali, soċjali u ekonomiċi hija stabbilita b'mod ċar? (iii) Dik l-informazzjoni tkopri l-opportunitajiet allokatati kollha tas-sajd?

### **3. ALLOKAZZJONI TA' OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD BIEX JITRAWMU PRATTIKI TAS-SAJD SOSTENIBBLI U BIEX JIĠU APPOĠĠATI S-SAJJIEDA FUQ SKALA ŻĠHIRA U KOSTALI**

Huwa importanti li t-fassil tas-sistema ta' allokkazzjoni mill-Istati Membri tiġi allinjata mal-oġġettivi tal-PKS li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tas-sajd u li tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex is-settur tas-sajd tal-UE jkun jista' jadatta għall-isfidi emerġenti.

L-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni u analizzata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) turi disparitajiet sinifikanti fil-metodi ta' allokkazzjoni rrapportati u fl-użu ta' kriterji inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu fuq is-sistemi ta' allokkazzjoni li jużaw u li hija l-prerogattiva tagħhom li jiddeterminaw il-ponderazzjonijiet rispettivi għall-kriterji ambjentali, soċjali u ekonomiċi li jagħżlu. Minħabba d-diversità tas-settur u tas-sajd minn Stat Membru għall-ieħor, huwa ċar li approċċ "kulħadd f'keffa waħda" ma jipprovdix soluzzjoni xierqa.

B'mod partikolari, l-Istati Membri ma humiex obbligati jallokaw opportunitajiet tas-sajd għall-aktar Prattiki tas-sajd sostenibbli jew għal sajjieda fuq skala żgħira.

Madankollu, il-Kummissjoni hija meħtieġa tivvaluta l-allinjament ta' dawk il-metodi ta' allokkazzjoni mal-oġġettivi tal-PKS.

F'dan is-sens, il-Kummissjoni tenfasizza l-għan tal-Artikolu 17, rifless fil-Premessa 33 tar-Regolament PKS: *L-Istati Membri għandhom jippromwovu sajd responsabbli billi jipprovdu inċentivi li dawk l-operaturi li jistadu bl-anqas mod li jagħmel ħsara ambjentali u li jipprovdu l-akbar benefiċċji għas-soċjetà.*

Mit-tweġibiet għall-kwestjonarji u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni osservat grad ta' inerzja fil-mod kif l-opportunitajiet tas-sajd jiġu allokatati mill-Istati Membri, inkluż il-fatt li wħud mill-metodi rrapportati ma jidhrux li jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi emerġenti li qed jiffaċċja s-sajd tal-UE.

Dan huwa partikolarment evidenti għas-sajjieda kostali fuq skala żgħira li, b'mod ġenerali, huma aktar affettwati mill-isfidi <sup>(7)</sup>, bħall-kriżi tal-enerġija, il-fluttwazzjoni naturali tal-

---

(7) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – The 2024 Annual Economic Report on the EU Fishing Fleet (STECF 24-03 u 24-07), PRELLEZO, R., SABATELLA, E.C., VIRTANEN, J., TARDY MARTORELL, M. u GUILLEN, J. editur(i), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2024, doi: 10.2760/5037826, JRC139642. Il-Kapitolu 2.7 EU Small-Scale Coastal Fleet (SSCF). Il-Paġni 45 sa 60. <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC139642>

istokkijiet (abbundanza u distribuzzjoni), il-kompetizzjoni għall-użu tal-ispazju tal-baħar, it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni tal-ambjent tal-baħar, l-ispeċijiet invażivi jew il-kompetizzjoni inġusta mis-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU, illegal, unregulated and unreported fishing).

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol importanti tas-sajd kostali fuq skala żgħira, li jikkostitwixxi kważi 70 % tal-flotta tal-bastimenti fl-UE. Hija tagħmel enfasi speċjali fuq ir-rabtiet aktar mill-qrib tiegħu man-nisġa soċjali u ekonomika tal-komunitajiet tas-sajd, ir-rabta aktar mill-qrib tiegħu mal-ambjent lokali, mas-soċjetà u mar-rwol importanti tiegħu fil-kultura u l-wirt Ewropej. Ir-rikonoxximent ta' dan ir-rwol huwa appoġġat permezz ta': (i) aċċess preferenzjali għall-ilmijiet tal-UE sa 12-il mil nawtiku fir-Regolament PKS; (ii) appoġġ finanzjarju sa 100 % fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)<sup>(8)</sup>; u (iii) ċerti derogi skont ir-Regolament dwar il-Kontroll <sup>(9)</sup>.

L-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 17 mill-Istati Membri tista' tirrifletti aħjar ir-rwol importanti tas-sajd kostali fuq skala żgħira, pereżempju billi tallinja l-metodi ta' allokkazzjoni mal-ħtiġijiet speċifiċi identifikati fl-ambitu tal-programm nazzjonali tal-FEMSA għas-sajjeda fuq skala żgħira biex jibnu r-reżiljenza.

#### **4. X'JISTGĦU JAGĦMLU L-ISTATI MEMBRI BIEX ITEJBU L-GOVERNANZA TAJBA META JALLOKAW L-OPPURTUNITAJIET TAS-SAJD?**

##### **A. Bini tal-fiduċja abbażi tat-trasparenza u tal-komunikazzjoni**

Il-metodi ta' allokkazzjoni jistgħu jkunu kumplessi, u ċerti partijiet ikkonċernati esprimew ix-xewqa li jifhmu aħjar il-metodi użati, u l-kriterji li huma bbażati fuqhom. Għalhekk, minbarra r-rekwiżiti legali li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kif jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, l-Istati Membri huma mistiedna jsaħħu l-informazzjoni u l-għodod ta' komunikazzjoni tagħhom, **jipprovdu informazzjoni b'mod proattiv lill-partijiet ikkonċernati** dwar il-metodi użati għall-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd (kwoti u sforz) u r-raġunament warajhom.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-Artikolu 17 jista' jkun għodda biex jiġu indirizzati l-isfidi emerġenti li qed jiffaċċja s-sajd tal-UE. Dawn l-isfidi jistgħu jingħelbu billi jiġi promoss id-djalogu u billi l-partijiet ikkonċernati kollha jiġu involuti b'mod aktar attiv fl-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri.

##### **B. Bini tal-fiduċja abbażi tal-ġustizzja**

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri **jieħdu aktar azzjonijiet biex jużaw il-potenzjal sħiħ tal-Artikolu 17 ħalli jippromwovu prattiki tas-sajd sostenibbli u jappoġġaw lis-sajjeda fuq skala żgħira u kostali.**

---

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura.

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, emendat bir-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

L-ewwel nett, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jirriflettu dwar l-eżempji ta' kriterji inklużi fl-Artikolu 17 u l-impatt tal-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal: (i) bastimenti b'impatt ambjentali akbar minn oħrajn preżenti fil-flotot tagħhom; (ii) bastimenti bi storja ta' nuqqas ta' konformità; jew (iii) bastimenti li jispostaw attivitajiet tradizzjonali jew li jstabbilixxu attivitajiet ekonomiċi sostenibbli.

It-tieni, il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri jimplementaw azzjonijiet li jappoġġaw lis-sajjieda fuq skala żgħira u tħeġġiġhom jużaw il-possibbiltajiet kollha mogħtija skont l-Artikolu 17 li jistgħu jinċentivaw is-sostenibbiltà fit-tul ta' dan is-sajd, speċjalment għal dak b'impatt aktar baxx fuq l-ambjent.

### **C. Bini tal-fiduċja abbażi tal-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta**

It-tip, l-ammont u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri jvarjaw ħafna <sup>(10)</sup>.

Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 16(6), u lill-partijiet ikkonċernati, għal raġunijiet ta' trasparenza u governanza tajba, dwar il-metodi u l-kriterji ta' allokkazzjoni użati **għall-opportunitajiet kollha tas-sajd**. Dan jinkludi l-kwoti u l-isforz tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE u l-opportunitajiet tas-sajd attribwiti lill-Istati Membri fl-ilmijiet internazzjonali u permezz ta' ftehimiet internazzjonali (bħal organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jew tipi oħra ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali).

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jirrapportaw il-metodu ta' allokkazzjoni li jużaw b'kont meħud tat-tliet kategoriji ta' kriterji msemmija fl-Artikolu 17, jiġifieri **l-kriterji ambjentali, soċjali u ekonomiku**.

It-trasparenza u l-komunikazzjoni lill-partijiet ikkonċernati, bħala komponenti ewlenin tal-governanza tajba, huma rilevanti wkoll għall-opportunitajiet tas-sajd soġġetti għal konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli (TFCs, transferable fishing concessions) minkejja l-esklużjoni tagħhom mill-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 16(6).

### **D. Bini tal-fiduċja abbażi tal-adeqwatezza tal-metodi ta' allokkazzjoni**

Il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri jużaw kriterji għall-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament PKS, biex jinċentivaw l-adattament għall-isfidi emerġenti. Il-**metodi ta' allokkazzjoni ma għandhomx jimminaw il-ħila tal-Istati Membri li jirreaġixxu** malajr għal kwistjonijiet mhux mistennija.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw metodi ta' allokkazzjoni li jinkludu l-possibbiltà ta' riallokkazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd mhux użati b'mod f'waqtu, trasparenti u attiv.

---

<sup>(10)</sup> Ara, pereżempju, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – Social Data in Fisheries (STECF 23-17), Van Hoof, L., Goti, L., Tardy Martorell, M. u Guillen, J editur(i), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2024, doi:10.2760/982497, JRC136326. <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC136326>.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jwettqu rivalutazzjonijiet perjodiċi tas-sistemi ta' allokkazzjoni biex jiżguraw li **l-metodi u l-kriterji użati jkunu għadhom rilevanti u xierqa** għall-ħtiġijiet attwali tas-settur tas-sajd tagħhom.

## 5. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni ilha taħdem mal-Istati Membri, mal-STEFCF u mal-partijiet ikkonċernati biex tikseb stampa aktar ċara tal-metodi użati għall-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd <sup>(1)</sup>.

Fid-dawl ta' dan il-proċess, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jieħdu aktar azzjonijiet biex jużaw il-potenzjal sħiħ offrut mill-Artikolu 17 ħalli jippromwovu prattiki tas-sajd sostenibbli u jappoġġaw lis-sajjieda fuq skala żgħira u kostali.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jirriflettu dwar il-problemi ewlenin li qed ibatu minnhom is-sajjieda fuq skala żgħira tagħhom u jużaw l-Artikolu 17 biex jipprovdu appoġġ u spazju għal ċerti bastimenti tas-sajd li jistħoqqilhom aċċess għall-opportunitajiet tas-sajd ħalli jiġi sostnut il-kontribut tagħhom għas-sajd sostenibbli u għall-komunitajiet tas-sajd.

Sabiex tiżdied il-fiduċja fil-politiki, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu l-informazzjoni pprovduta lill-partijiet ikkonċernati dwar kif jiġu allokatu l-opportunitajiet tas-sajd.

Bħala l-passi li jmiss, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jirriflettu dwar il-metodi u l-kriterji li jużaw biex jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd, filwaqt li jżommu f' moħħhom il-ħtieġa li jippromwovu prattiki tas-sajd sostenibbli, jappoġġaw lis-sajjieda fuq skala żgħira u kostali, u jtejbu l-komunikazzjoni u t-trasparenza. Hija tinsab lesta li tassisti lill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

---

<sup>(1)</sup> L-aktar rapport reċenti ppubblikat u msemmi qabel: il-Kumitat Xjentifiku Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STEFCF) – Social Data in Fisheries (STEFCF 23-17)